MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru. 741/2002

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
ANTHONY BORDA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Borda, ta' 70 sena, bin Giuseppe u Paola nee' Busuttil, imwieled tas-Sliema fl-10 t'Ottubru 1931, u joqghod Nru 11, Triq Sant Anglu, San Giljan, u detentur tal-karta tal-identita' numru 722031(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn it-13 t'Ottubru 1997 u s-16 t'Ottubru 1999, bhala propjetarju jew amministratur tal-fond Roulette Bar, Wilga Street, Paceville, San Giljan, b'azzjonijiet differenti, bi ksur tal-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal elf seba mija u tmenin Lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm1780.81), ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, volontarjament ghamel hsara

jew kisser xi parti minn xi meter tal-elettriku, jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravati bil-mezz, ksur u valur, u dan bi ksur tal-Artikli 18, 263, 264 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, f'kaz ta' htija, tapplika ukoll l-Artiklu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-imputat tal-24 ta' Novembru 2003, li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-Ufficjal Prosekutur Pierre Micallef Grimaud (ara xhieda minn fol 9-12), kien gie nfurmat minn ufficjali tal-Enemalta, u cioe' minn Mario Cassar, illi waqt li kienu qed jaghmlu spezzjoni gor-Roulette Bar, Wilga Street, Paceville, sabu l-'meter' imbabas, u kien hemm xi 'phase' mqabbad hazin. Illi l-Pulizija accedew fuq il-post, u giet infurmata il-Magistrat tal-Ghassa, illi sejhet inkjesta.

Irrizulta illi minn investigazzjonijiet ulterjuri tal-Pulizija li r-'registered consumer' kien l-imputat Anthony Borda. In kontro ezami, l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li l-imputat ma kienx fuq il-post meta accedew il-Pulizija u li fl-ebda hin ma ttiehdet stqarrija tal-imputat.

Mario Cassar, a fol 13 et seq, Senior Trademan mal-Enemalta, ikkonferma x-xhieda li hu ta fl-inkjesta. Xehed

illi din l-'inspection' saret minnu u minn George Farrugia, u minn PC 5734 Camilleri fir-Roulette Bar, Triq Wilga, Paceville, fejn ir-'registered consumer' kien Anthony Borda, izda fuq il-post **'sibna lil James Borda li qal li huwa kien responsabbli ghat-tmexxija tal-post.'**

Cassar ikkonferma illi z-zewg sigilli homor kienu maqtughin, is-sigill blu kien inkollat, u t-tlett sigilli tas-'service box' kienu maqtughin. Illi ghaldaqstant, kienu ghamlu rapport l-ghassa tal-Pulizija u kien gie s-Surgent 1492 Joseph Pace, u li:

'It-terminal' allura kien infetah fil-prezenza ta' James Borda, u hemmhekk sabu li l-'yellow shunt' kien miftuh u ghalhekk l-arlogg ma rregistrax il-konsum tal-apparat illi kien hemm imqabbad fuq dan il-'phase'. (ara fol 15).

Di piu', meta gie l-espert nominat mill-Qorti, William Cassar Torreggiani, u ntefa' l-'main switch', ghax indunaw illi l-provvista tal-kurrent tal-elettriku kien ghadu gej minn sors iehor. Ghaldaqstant, iccekjaw il-'fuses', sabu li dawn kienu maqtughin u 'bridged' permezz ta' 'wires' mibrumin, bil-konsegwenti riskju ta' nirien, apparti r-riskju ta' 'electro cution'. Mario Cassar jghid li komplew isegwu l-'cables' tal-elettriku fil-fond tar-Roulette, u waslu f'appartament biswit il-hanut, fejn fl-entratura, kien hemm tlett 'meters' tad-dawl u wiehed minnhom 'single phase' numru 3811465, kellu s-sigilli neqsin, il-'covers' tat-'terminals' maqtugha, u l-'meter' kien wieqaf. Il-'cable' kien diehel gewwa r-Roulette Bar u l-'fuse' kien 80 amps, meta normali jkun 30 amps. L-'air curtains' kienu jahdmu fuq dan ic-'circuit'. (ara fol 16).

Mario Cassar, in kontro ezami, jikkonferma illi l-'meter' tar-Roulette Bar kien qieghed gol-'bar' u mbaghad kien hemm meter iehor fil-flats, u li dan kien maghluq go 'cupboard'. **Ikkonferma illi James Borda, neputi tal-imputat, qallu li hu kien responsabbli mir-Roulette Bar**.

PC 5734 Camilleri xehed illi fis-16 t'Ottubru, kien mar fir-Roulette Bar Paceville, flimkien ma' ufficjal tal-Enemalta fuq 'inspection' tal-'meter' li kellu s-sigilli blu mwahhlin bil-

kolla, waqt li s-sigilli homor kienu maqtughin. Meta fethu l-'meter', il-'yellow shunt' kien miftuh. Sussegwentement, sabu zewg 'meters' ohra fi flat ezatt mal-'bar', wiehed minn dawn il-'meters' kien maqlugh minn mal-'board', u l-iehor kien jahdem sew. (ara xhieda a fol 26 u 27).

George Farrugia, a fol 34 et seq, Fitter mal-Enemalta, ikkonferma r-rizultanzi li xehed dwarhom Mario Cassar, u kkonferma li l-'meter' fil-'pub' kien qieghed wara l-bieb u kien qieghed go 'unit'. Ikkonferma wkoll illi prezenti ghal din l-ispezzjoni kien hemm James Borda, u li Tonio Borda ma kienx fuq il-post.

PS Joseph Pace, a fol 38, ikkonferma li hu acceda fuq il-post fuq rapport ta' Mario Cassar, dwar it-tbaghbis ta' 'meter' tal-elettriku gewwa r-Roulette Bar, u li kien informa lill-Ispettur Micallef Grimaud, li minn naha tieghu nforma lill-Magistrat tal-Ghassa. Ikkonferma wkoll l-okkorrenza dokument JP a fol 33. PS Pace xehed illi Anthony Borda ma kienx fuq il-post meta saret din l-ispezzjoni.

PS 5734 Camilleri rega' kkonferma x-xhieda precedenti tieghu.

A fol 44 et seq, l-imputat xehed u qal illi huwa direttur fil-kumpanija Roulette Company Ltd illi hija propjetarja tar-Roulette Pub. Illi esebixxa l-Memorandum and Articles of Association tar-Roulette Company Ltd, illi turi illi l-imputat u ibnu James Borda huma diretturi, li James Borda kellu l-'judicial' u 'legal representation' tal-kumpanija, u kien responsabbli ghat-tmexxija ta' dan il-'pub'. Ta' min jinnota li l-imputat huwa ragel anzjan ta' 'l fuq minn sebghin sena.

Illi meta l-kumpanija Roulette Company Ltd xtrat ir-Roulette Bar, xtrat ukoll il-flats sovrastante, liema flats kienu vojta u wiehed minnhom jintuza bhala ufficju. L-imputat xehed li l-permess tal-'pub' huwa f'ismu pero' huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mat-tmexxija tal-'pub'.

Illi William Cassar Torreggiani, espert nominat fl-inkjesta, fil-konkluzjonijiet tieghu, minn fol 100 sa 103, jaghti fid-dettall l-irregolaritajiet kollha li sab fil-'meters' kollha kemm

tar-Roulette Pub kif ukoll tal-flats adjacenti, fil-konkluzjonijiet tieghu minn 1 sa 15. Ir-relazzjoni tieghu giet konfermata mill-Magistrat Supplenti, Dr Yana Micallef Stafrace nominata fil-mori tal-kumpilazzjoni.

Silvio Decelis mix-xhieda tieghu a fol 119, ikkonferma dokument AB5, u a fol 134, esebixxa l-'breakdown of estimates' li juri konsum ta' elettriku mhux registrat fl-ammont ta' elf seba' mija u tmenin Lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm1780.81), mahdum fuq medda ta' snin u cioe' mit-13 t'Ottubru 1997 sas-16 t'Ottubru 1999, u pprezenta kopja tar-'report' tas-'surprise inspection', a fol 132 u 133. Silvio Decelis sab illi filfatt il-'meter' tad-dawl tar-Roulette Pub kien ta' 'three phase', u li wiehed mill-'phases' kien skonnettjat, ghaldaqstant, il-'meter' kien qed jirregistra tlieta u tletin fil-mija (33%) inqas minn dak li suppost kien jirregistra.

Silvio Decelis gie mitlub jesebixxi 'record of consumption' mit-2001 sat-2002, biex jigi komparat l-'average record of consumption' odjern. Infatti, Ivan Vella, a fol 141 mill-Enemalta, xehed illi fuq il-'meter' l-antik kien hemm 'average' ta' mija u wiehed u tletin (131) 'daily units consumption', waqt li fuq il-gdid kellu 'average daily consumption' ta' mitejn u tmienja u tletin (238) 'unit', u cioe' zieda ta' 45%. Ghalkemm Ivan Vella xehed li kien hemm xi kontijiet li kienu komparibbli ma' kontijiet tal-elettriku ghal perjodi ta' wara l-incident, Ivan Vella jghid illi l-kontijiet mhux dejjem jinhargu fuq l-istess tul ta' zmien u wiehed irid jara l-'average daily consumption' biex jaghmel paragun, altrimenti wiehed ma jsibx tarf.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni pprovat bla dubju dettat mir-raguni illi filfatt il-'meters' tad-dawl fir-Roulette Pub, Wilga Street, Paceville, u fil-flats soprastante kienu mbabsin u minnhom kien qed isir konsum ta' elettriku illecitu ghaliex il-konsum ma kienx jigi registrat kif suppost. Dan jirrizulta pruvat kemm mix-xhieda ta' Mario Cassar kif ukoll mix-xhieda tal-'fitter' Farrugia, kif ukoll b'mod specjali

minn dak li jirrizulta mill-espert nominat fl-inkjesta u William Cassar Torreggiani fir-relazzjoni tieghu.

Illi anke ghar-rigward tal-kwantum, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddubita mill-ammont pretiz mill-Korporazzjoni Enemalta, minkejja dak kollu li gie sollevat mid-Difiza. Dan qieghed jinghad ghaliex ma jaghmel ebda sens li wiehed jaghmel paragun bejn kont u iehor, ghaliex il-perjodu ta' zmien tal-kontijiet ivarjaw b'mod allarmanti, u ghaldaqstant, l-uniku parigun validu huwa l-'average daily consumption' u jidher li, f'dan il-kaz, minn meta twahhal il-'meter' il-gdid, id-'daily average consumption' telghet b'hamsa u erbghin fil-mija (45%).

Dak li trid tezamina din il-Qorti pero' huwa jekk kemm-il darba s-serq ta' dan il-kurrent ta' elettriku jistax jigi mputat lill-akkuzat Anthony Borda. Dan qieghed jinghad ghaliex ir-Roulette Bar huwa propjeta' ta' Roulette Company Ltd. Illi ghalkemm l-imputat huwa direttur ta' din il-kumpanija, huwa James Borda li ghandu l-'legal' u l-'judicial representation' tal-kumpanija, u huwa d-direttur li huwa responsabbli mit-tmexxija ta' dan il-'pub'. **Illi dan l-istat ta' fatt gie sollevat minn James Borda fil-bidu nett tal-investigazzjonijiet**, tant hu hekk illi hu kien prezenti waqt l-ispezzjonijiet u s-seduti kollha li saru mill-esperti tal-Qorti, u l-imputat Anthony Borda ma kienx prezenti ghal ebda wahda minn dawn l-ispezzjonijiet. Kien dejjem James Borda li ha r-responsabbilita' ta' dan kollu.

Illi di piu', l-imputat li huwa ragel anzjan ta' 'l fuq minn sebghin sena, certament ma kienx il-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-'pub' in kwistjoni.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat qatt ma messu gie mharrek kif gie mharrek, u cioe' messu gie mharrek semmai bhala direttur tal-kumpanija Roulette Company Ltd, u dan in pessima ipotezi. Ghaliex il-provi juru li kien messu gie mharrek James Borda, bhala direttur tal-istess kumpanija imsemmija, li kien il-persuna li minn rajh ammetta li kien il-persuna responsabbli ghat-tmexxija u gestjoni tal-'pub'.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti m’ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------